# "Il-Ħolma ta' Ħajtu"

*"Angelo" – awtobijografija ta' Angelo Xuereb*
*(Book Guild Publishing, 391 paġna, ISBN 978-1-84624-785-9)*







Mhux kulħadd jista' jgħid li l-ħolma ta' ħajtu saret realtà, anki jekk ilkoll kemm aħna minn żgħożitna, jekk mhux anki mit-tfulija, nagħmlu ħilitna biex jiġri dan. Kollox ikun jiddependi fuq iċ-ċirkostanzi taż-żmien, fuq l-opportunitajiet li jista' jkun hemm u ma jkunx hemm, u fuq kollox, fuq id-determinazzjoni vera. L-ambizzjoni fil-ħajja hija importanti daqs li tkun taf tabilħaqq liema huma l-ħiliet tiegħek u li permezz tagħhom tista' xi darba tonqox karriera għalik innifsek.

Il-ħolm fil-ħajja tal-bniedem mhux dejjem ikun fil-pożittiv biss, kif sfortunatament naraw fl-istorja. Adolf Hitler ħadem u stinka, għal snin twal anki rnexxielu, biex jara l-ħolma ta' ħajtu sseħħ, iżda nafu dik il-ħolma tal-waħx xi swiet lill-umanità. Hekk ukoll dittaturi oħrajn bħalu, minn Mussolini u Stalin sa Marcos u Gaddafi.

L-ispija Malti ta' żmien it-Tieni Gwerra Dinjija, Carmelo Borg Pisani, ukoll kellu ħolma – dik li jara lil Malta ssir parti sħiħa mill-Italja faxxista u, bosta snin wara li ħallas ta' għemilu, saħansitra nkiteb ktieb dwar din l-ossessjoni tiegħu proprju bit-titlu ta' "Għall-Ħolma ta' Ħajtu". Kieku seħħ dak li ried Borg Pisani, kieku Malta llum hija bħall-gżira iċken minnha ta' Lampedusa, post maqtugħ mill-istorja dinjija u mill-ħajja ta' kuljum fl-Ewropa.

B'danakollu, il-ħolm – meta msejjes fuq xewqat u ħiliet personali, fuq miri u tiri li jagħmlu sens, u fuq realiżmu ġenwin – jiffurma parti sewwa mill-psike tal-bniedem li jrid jimxi 'l quddiem, jagħti sehmu fis-soċjetà u jifrex għalih innifsu triq twila u interessanti li permezz tagħha jista' jilħaq skopijiet u destinazzjonijiet li jmorru lil hinn mill-istess ħolm tiegħu. Nies bħal John Lennon u sħabu tal-grupp The Beatles, Mother Tereża, Mahatma Gandhi, l-eks-President tal-Brażil Luiz Inacio Lula da Silva, u tant oħrajn fl-istorja umana.

Għal Anġlu Xuereb, l-imprenditur ewlieni Malti li mix-xejn irnexxielu jibni imperu kummerċjali li minnu gawdew u għadhom igawdu Malta u l-Maltin, il-ħolma tiegħu qatt ma kienet imtappna mid-dubju. Kien jaf xi jrid u x'qiegħed jistenna minnu nnifsu sa minn meta kellu biss 13-il sena. Il-bniedem li jkun tħejja b'dan il-mod determinat u ċar qajla jista' jfalli, kif naraw f'dan il-ktieb mill-aktar interessanti. Iżda jitqarraq min jaħseb li t-triq għal Angelo, kif jirreferi uffiċjalment għalih innifsu fil-ktieb, kienet ħafifa, jiġifieri lesta u lixxa kemm jgħaddi minn fuqha biex jibda jwettaq l-għanijiet ta' ħajtu.

"Angelo" huwa ktieb mimli anedotti, karattri u sitwazzjonijiet li proprju juru kemm it-triq li sab quddiemu Anġlu Xuereb ma kinitx mifruxa bil-ward u ż-żahar. Għalih l-isfidi bdew ifaqqsu minn jum għal ieħor hekk kif mat-tkattir tal-karriera li dejjem xtaq, beda wkoll jibni familja li miegħu ħtiġilha tiffaċċja l-inżul u t-tlajja tal-ħajja.

Is-sigħat twal ta' xogħol, ir-riskji nvoluti f'kuntratti żgħar li mbagħad bdew jikbru ġmielhom, u l-piż fuq spallejh bix-xiri ta' apparat u għodod u l-ingaġġar ta' ħaddiema li fuqhom ried jiddependi biex jilħaq ilesti l-proġetti fil-ħin, kollha ħallew l-impatt tagħhom fuq ħajtu.

L-esperjenza, iżda, għamlitu aktar għaref. Beda jifhem li ħadd ma kien lest jagħmillu pjaċiri f'dinja ta' xogħol li kull ma jmur bdiet issir aktar kompetittiva, u biċ-ċirkostanzi ekonomiċi u soċjo-politiċi fil-pajjiż jinbidlu minn żmien għal żmien, daqqa biex iservu ta' riħ in poppa, u daqqa biex jonfħu kontra l-pruwa.

Bħal kull bijografija oħra li nkitbet fid-dinja, "Angelo" fiha l-element suġġestiv tagħha. Tasal għal konklużjonijiet minn angoli ta' raġunar li jista' ma jkunx tiegħek, iżda Angelo Xuereb xorta waħda jirnexxilu jirbaħ ir-rispett tal-qarrej. Iħaddem stil mexxej u ħafif, kultant kważi fuq linji ta' konverżazzjoni, biex hekk tħossok qiegħed taqsam miegħu u mill-qrib ħafna minn dawk il-waqtiet personali li sikwit twaħħdu mal-waqtiet storiċi fil-pajjiż.

L-aspett uman ta' dan ix-xogħol jispikka b'ċerta qawwa proprju fit-18-il kapitlu li fih Angelo Xuereb jirrakkonta, bla tlaqliq u mingħajr drammatiċità żejda, il-ġrajja kiefra tat-traġedja li hu u l-familja tiegħu kellhom jgħaddu minnha fl-ewwel jum ta' din is-sena, meta fl-appartament tat-tifla tiegħu, Claire, f'Tas-Sliema, sfaw mejta żewġ irġiel, wieħed minnhom ir-raġel ta' Claire, b'uliedhom tewmin ta' tliet xhur reqdin fl-istess kamra.

Kienet storja li xxokkjat lil Malta kollha. Sfortunatament madwarha nħadem rakkmu ta' spekulazzjonijiet fil-midja li inevitabbilment qanqlu bosta mistoqsijiet, waqt li komplew kabbru l-uġigħ tal-familja Xuereb. Wieħed jittama li d-deċiżjoni ta' Angelo Xuereb li jikteb dwarha għenitu biex seta' jħoll xi ftit mill-għoqda saffokanti li din it-traġedja bla dubju nisslet fih u fil-familja tiegħu.

Jispikka, madankollu, is-sens pożittiv tal-awtur, li waqt li ma jiddejjaqx iħares lura, fl-epilogu ssibu jinsisti li l-ġejjieni għadu hemm, jistennih joħroġ b'aktar ideat minn tiegħu, kif għamel tul il-karriera tiegħu s'issa kemm f'Malta kif ukoll barra. Minkejja l-problemi ta' bħalissa fid-dinja ekonomika, Angelo Xuereb għadu jemmen fiċ-ċkejkna Malta. Dak it-tifel li darba ħolom li jista' joffri ħiltu u bżulitu lin-nazzjon, għadu hemm. Għadu joħlom. Għadu lest li jkompli jkebbes dik il-ħuġġieġa li xegħel b'tant ħeġġa bosta snin ilu.

Il-ktieb huwa mogħni b'għadd ta' ritratti li minbarra li juru lil Angelo Xuereb f'perjodi differenti ta' ħajtu u tal-karriera tiegħu, iwasslu stampa tajba tax-xogħlijiet u l-proġetti li wettaq l-imprenditur, minn dawk żgħar fil-bidu tal-karriera sal-kbar li kienu joffru sfida enormi kemm għalih kif ukoll għall-pajjiż.

Ikun tassew xieraq li dan ix-xogħol bl-Ingliż xi darba jitwassal ukoll bil-Malti, l-ilsien tan-nazzjon li l-awtur tant jgħożż u jħobb, kif wara kollox naraw fil-kitba tiegħu.